SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

tal-25 ta' Jannar 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2007/64/KE — Servizzi ta' ħlas fis-suq intern — Kuntratti qafas — Informazzjoni ġenerali minn qabel — Obbligu li din l-informazzjoni tiġi pprovduta fuq karta jew fuq mezz dejjiemi ieħor — Informazzjoni trażmessa permezz ta' kaxxa postali elettronika integrata f'sit tal-internet ta' servizzi bankarji online"

Fil-Kawża C-375/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (Qorti suprema, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Lulju 2015, fil-proċedura

**BAWAG PSK Bank für Arbeit und Wirtschaft und Österreichische Postsparkasse AG**

vs

**Verein für Konsumenteninformation**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras, J. Malenovský, M. Safjan (Relatur) u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Ġunju 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal BAWAG PSK Bank für Arbeit und Wirtschaft und Österreichische Postsparkasse AG, minn G. Schett, Rechtsanwalt,

— għall-Verein für Konsumenteninformation, minn S. Langer, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn L. D'Ascia, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Mölls u H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti,

* * Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 36(1) u tal-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1), kif emendata bid-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU 2009, L 302, p. 97) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2007/64").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn BAWAG PSK für Arbeit und Wirtschaft und Österreichische Postsparkasse AG (iktar 'il quddiem "BAWAG") u l-Verein für Konsumenteninformation (Assoċjazzjoni għall-informazzjoni tal-konsumaturi, iktar 'il quddiem l-"Assoċjazzjoni") dwar klawżola mdaħħla fil-kuntratti li BAWAG jikkonkludi ma' xi konsumaturi.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 18, 21 sa 24, 27 u 46 tad-Direttiva 2007/64 jistabbilixxu:

"(18) Għandu jiġi stabbilit sett ta' regoli biex tkun żgurata t-trasparenza tal-kundizzjonijiet u tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal servizzi ta' ħlas.

[…]

(21) Din id-Direttiva għandha tispeċifika l-obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas fir-rigward tal-forniment ta' informazzjoni lill-utenti ta' servizzi ta' ħlas li għandhom jirċievu l-istess livell għoli ta' informazzjoni ċara dwar servizzi ta' ħlas biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet ibbażati fuq tagħrif siewi u jkunu jistgħu jfittxu l-aħjar offerta minn madwar l-UE. Fl-interess tat-trasparenza din id-Direttiva tistipula r-rekwiżiti armonizzati meħtieġa biex ikun żgurat li informazzjoni meħtieġa u suffiċjenti tingħata lill-utenti ta' servizzi ta' ħlas rigward kemm il-kuntratt ta' servizzi ta' ħlas kif ukoll it-transazzjonjiet ta' ħlas. Sabiex jippromwovu l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku fis-servizzi ta' ħlas, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jadottaw biss dawk id-dispożizzjonijiet ta' informazzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva.

(22) Il-konsumaturi għandhom ikunu protetti kontra prattiċi inġusti u qarrieqa f'konformità' mad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar il-prattika kummerċjali inġusta min-negozju għall-konsumatur fis-Suq Intern [u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE u d-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar prattiċi kummerċjali żleali") (ĠU 2005, L 149, p. 22)], kif ukoll id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, b'mod partikolari il-kummerċ eletroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku) [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399)], u d-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur [u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 321), kif emendata bid-Direttiva 2005/29].

Id-dispożizzjonijiet addizzjonali f'dawk id-direttivi jkomplu jkunu applikabbli. Madankollu, ir-relazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni pre-kuntrattwali bejn din id-Direttiva u [l-imsemmija Direttiva 2002/65] għandha b'mod partikolari tiġi ċċarata.

(23) L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun propozjonali għall-bżonnijiet ta' l-utenti u kkomunikata b'mod standard. Madankollu, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għal transazzjoni unika tal-ħlas għandha tkun differenti minn dawk ta' kuntratt qafas li jipprovdi għas-sensiela ta' transazzjonjiet ta' ħlas.

(24) Fil-prattika, il-kuntratti qafas u t-transazzjonijiet ta' ħlas koperti minnhom huma ferm aktar komuni u ekonomikament importanti minn transazzjonjiet ta' ħlas uniku. Jekk hemm kont tal-ħlas jew strument speċifiku tal-ħlas, huwa meħtieġ kuntratt qafas. Għalhekk, ir-rekwiżiti għal informazzjoni minn qabel dwar kuntratti qafas għandhom ikunu pjuttost komprensivi u dejjem għandha tingħata informazzjoni jew bil-miktub jew fuq strument dejjiemi ieħor, bħal karti stampati minn stampanti tal-kontijiet, floppy disks, CD-ROMs, DVDs u hard drives ta' kompjuters personali li fuqhom tista' tinħażen il-posta elettronika, u siti ta' l-Internet, dment li tali siti huma aċċessibbli għal referenza futura għal perijodu ta' żmien adegwat għall-finijiet ta' informazzjoni u jippermettu r-riproduzzjoni mingħajr tibdil ta' l-informazzjoni maħżuna. Madankollu, għandu jkun possibbli li l-fornitur tas-servizzi ta' ħlas u l-utent ta' servizzi ta' ħlas jiftiehmu fil-kuntratt qafas dwar il-mod li bih tingħata l-informazzjoni sussegwenti dwar transazzjonijiet ta' ħlas li saru u l-utent ta' servizzi ta' ħlas, per eżempju, li fl-Internet-banking l-informazzjoni kollha dwar il-kont tal-ħlas issir disponibbli on-line.

[…]

(27) […] id-Direttiva tiddistingwi bejn żewġ modi kif l-informazzjoni għandha tingħata mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas: jew l-informazzjoni għandha tiġi provduta, jiġifieri attivament komunikata mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas fil-ħin adatt kif rikjest minn din id-Direttiva mingħajr l-ebda talba ulterjuri min-naħa ta' l-utent ta' servizzi ta' ħlas, inkella l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-utent ta' servizzi ta' ħlas, b'kont meħud ta' kwalunkwe talba li jista' jkollu għal aktar informazzjoni. F'dan il-każ ta' l-aħħar, l-utent ta' servizzi ta' ħlas irid jieħu passi attivi biex jikseb l-informazzjoni bħal per eżempju jitlobha espliċitament mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, jillogja f'kaxxa postali ta' kont tal-bank jew idaħħal kard tal-bank fi printer għal dikjarazzjonijiet dwar il-kont. […]

[…]

(46) Il-funzjonament mingħajr problemi u effiċjenti tas-sistema tal-ħlas jiddependi fuq kemm l-utent ikun jista' jistrieħ fuq il-fornitur ta' servizz ta' ħlas li jwettaq kif suppost it-transazzjoni ta' ħlas u fiż-żmien miftiehem. Ġeneralment, il-fornitur jinsab f'pożizzjoni li jevalwa r-riskji involuti fit-transazzjoni ta' ħlas. Huwa l-fornitur li jipprovdi s-sistemi ta' ħlas, li jagħmel arranġamenti biex jerġa' jiġbor fondi li jkunu ntilfu jew li jkunu ġew allokati ħażin, u li jiddeċiedi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dwar l-intermedjarji involuti fl-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' ħlas. […]"

4 Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

12. 'kuntratt qafas' tfisser kuntratt ta' servizzi ta' ħlas li jirregola l-eżekuzzjoni futur ta' transazzjonjiet ta' ħlas individwali u suċċessivi u li jista' jkollhom l-obbligu u l-kundizzjonijiet biex jiġi stabbilit kont tal-ħlas;

[…]

25. ‘mezz dejjiemi’ tfisser kwalunkwe strument li jippermetti lill-utent ta’ servizzi ta’ ħlas jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lilu b’mod aċċessibbli għal referenza futura għal perijodu ta’ żmien adegwat għall-finijiet ta’ l-informazzjoni u li jippermetti riproduzzjoni mingħajr tibdil ta’ l-informazzjoni maħżuna;

[…]”

5 Bit-titolu “Trasparenza ta’ kundizzjonijiet u rekwiżiti ta’ informazzjoni għas-servizzi ta’ ħlas”, it-Titolu III ta’ din id-direttiva jinkludi l-Kapitolu 1, intitolat “Regoli ġenerali”. Fost id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-kapitolu jidhru b’mod partikolari l-Artikoli 30 u 31 tagħha.

6 L-Artikolu 30 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Kamp ta’ applikazzjoni”, jipprovdi:

“1. Dan it-Titolu għandu japplika għal transazzjonjiet ta’ ħlas ewlenin, kuntratti qafas u transazzjonjiet ta’ ħlas koperti minnhom. Il-partijiet jistgħu jiftiehmu li ma għandux japplika kollu jew in parti meta l-utent ta’ servizzi ta’ ħlas mhuwiex konsumatur.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li d-dispożizzjonijiet f’dan it-Titolu għandhom jiġu applikati għal mikro-intrapriżi bl-istess mod bħal ma jiġu applikati għall-konsumaturi.

[…]”

7 L-Artikolu 31 tal-istess direttiva, intitolat “Dispożizzjonijiet oħra fil-leġiżlazzjoni Komunitarja”, jipprevedi:

“Id-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġiżlazzjoni Komunitarja li għandha rekwiżiti addizzjonali dwar informazzjoni minn qabel.

Madankollu, fejn id-Direttiva [2002/65, kif emendata bid-Direttiva 2005/29,] hija wkoll applikabbli, ir-rekwiżiti ta’ informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1) ta’ dik id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-punti (2)(ċ) sa (g), 3(a), (d) u (e) u 4(b) ta’ dak il-paragrafu, għandhom jiġu sostitwiti bl-Artikoli 36, 37, 41 [u] 42 ta’ din id-Direttiva.”

8 Il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tad-Direttiva 2007/64 huwa intitolat “Transazzjonijiet ta’ ħlas wieħed”. Fost id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-kapitolu jidhru b’mod partikolari l-Artikoli 35 sa 37.

9 L-Artikolu 35 ta’ din id-direttiva, intitolat “Kamp ta’ applikazzjoni”, jipprevedi:

“1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għal transazzjonjiet ta’ ħlas wieħed […] li ma ‘jkunux koperti minn kuntratt qafas.

2. Meta ordni tal-ħlas għal transazzjoni ta’ ħlas wieħed tiġi trasmessa minn strument tal-ħlas kopert b’kuntratt qafas, il-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas ma għandhux ikun obbligat iforni jew jagħmel disponibbli informazzjoni li diġà hija mogħtija lill-utent ta’ servizzi ta’ ħlas abbażi ta’ kuntratt qafas ma’ fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas ieħor jew li se tingħata lilu skond dak il-kuntratt qafas.”

10 L-Artikolu 36 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Informazzjoni ġenerali minn qabel” jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li qabel ma l-utent ta’ servizzi ta’ ħlas jiġi marbut bi kwalunkwe kuntratt ta’ servizzi jew offerta unika, il-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 37 għall-utent ta’ servizzi ta’ ħlas. Fuq it-talba ta’ l-utent ta’ servizzi ta’ ħlas, il-fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas għandu jipprovdi

l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet bil-miktub jew fuq mezz dejjiemi ieħor. L-informazzjoni u l-kundizzjonijiet għandhom jingħataw fi kliem li jiftiehem faċilment u f'forma ċara u li tista' tiftiehem sewwa, f'lingwa uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn ikunu offruti s-servizzi ta' ħlas jew fi kwalunkwe lingwa oħra miftiehma mill-partijiet.

[…]

3. L-obbligi taħt il-paragrafu 1 jistgħu wkoll jiġu skargati billi tiġi fornuta kopja ta' l-abbozz ta' kuntratt tas-servizz ta' ħlas wieħed jew l-abbozz ta' ordni tal-ħlas inkluż l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 37."

11 L-Artikolu 37 tal-istess direttiva, intitolat "Informazzjoni u kundizzjonijiet", fil-paragrafu 1 tiegħu jelenka l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti lill-utent ta' servizzi ta' ħlas jew li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu.

12 Taħt it-Titolu III tad-Direttiva 2007/64, il-Kapitolu 3 tagħha, intitolat "Kuntratti qafas", jinkludi, b'mod partikolari, l-Artikoli 40 sa 43.

13 Skont l-Artikolu 40 ta' din id-direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni":

"Dan il-Kapitolu japplika għal transazzjonjiet ta' ħlas koperti minn kuntratt qafas."

14 L-Artikolu 41 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Informazzjoni ġenerali minn qabel", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li fi żmien debitu qabel ma l-utent ta' servizzi ta' ħlas jintrabat minn xi kuntratt qafas jew offerta, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jipprovdi lill-utent ta' servizzi ta' ħlas bil-miktub jew b'mezz ieħor dejjiemi l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 42. L-informazzjoni u l-kundizzjonijiet għandhom jingħataw fi kliem li jiftiehmu faċilment u f'forma ċara u li tista' tiftiehem sewwa, f'lingwa uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn ikun offrut is-servizzi ta' ħlas jew fi kwalunkwe lingwa oħra miftiehma mill-partijiet.

2. Jekk il-kuntratt qafas ġie konkluż fuq talba ta' l-utent ta' servizzi ta' ħlas bl-użu ta' xi mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jikkonforma mal-paragrafu 1, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jwettaq l-obbligi tiegħu skond dak il-paragrafu immedjatament wara l-konklużjoni tal-kuntratt qafas.

3. L-obbligi taħt il-paragrafu 1 jista' wkoll jiġu skargati billi tiġi fornuta kopja ta' abbozz ta' kuntratt li jinkludi l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 42."

15 L-Artikolu 42 tal-istess direttiva, intitolat "Informazzjoni u kundizzjonijiet", jelenka l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti lill-utent ta' servizzi ta' ħlas.

16 L-Artikolu 43 tad-Direttiva 2007/64, intitolat "Aċċessibbiltà ta' informazzjoni u tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt qafas", jipprevedi:

"Fi kwalunkwe żmien waqt ir-relazzjoni kuntrattwali l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jkollu d-dritt, fuq talba tiegħu, li jirċievi t-termini kuntrattwali ta' kuntratt kwadru [qafas] kif ukoll informazzjoni u kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 42 bil-miktub jew fuq strument dejjiemi ieħor."

17 L-Artikolu 44 ta' din id-direttiva, intitolat "Bidliet fil-kundizzjonijiet tal-kuntratti qafas", jipprovdi:

"1. Kwalunkwe bidla fil-kuntratt qafas kif ukoll l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 42, għandhom ikunu proposti mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas bl-istess mod kif stipulat fl-Artikolu 41(1) u mhux aktar tard minn xahrejn qabel id-data ta' l-applikazzjoni proposta tagħhom.

Fejn applikabbli skond mal-punt (6)(a) ta' l-Artikolu 42, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jinforma lill-utent ta' servizzi ta' ħlas li huwa ser jitqies bħala li aċċetta dawn il-bidliet jekk ma jgħarrafx lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas li ma jaċċettahomx qabel id-data proposta tad-dħul fis-seħħ tagħhom. F'dan il-każ il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu wkoll jispeċifika li l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu d-dritt itemm il-kuntratt qafas immedjatament u mingħajr spejjeż qabel id-data ta' l-applikazzjoni proposta tal-bidliet.

2. Bidliet fir-rati ta' imgħax jew tal-kambju jistgħu jkunu applikati immedjatament u mingħajr avviż, jekk tali dritt ikun miftiehem fil-kuntratt qafas u jekk il-bidliet ikunu bbażati fuq ir-rati ta' interessi jew ta' kambju ta' referenza miftiehma skond […] l-Artikolu 42. L-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jkun infurmat bi kwalunkwe bidla fir-rata ta' l-imgħax ma' l-ewwel ċans possibbli bl-istess mod kif previst fl-Artikolu 41(1), sakemm il-partijiet ma jkunux ftiehmu dwar frekwenza jew manjiera speċifika li biha l-informazzjoni għandha tkun fornuta jew issir disponibbli. Madankollu, bidliet fir-rati ta' l-imgħax jew tal-kambju li huma aktar favur l-utenti ta' servizzi ta' ħlas jistgħu jiġu applikati mingħajr avviż.

[…]"

*Id-dritt Awstrijak*

18 Il-Bundesgesetz über die Erbringung von Zahlungsdiensten (Zahlungsdienstegesetz – ZaDiG) (liġi dwar is-servizzi ta' ħlas), tal-2009 (BGBl. I, 66/2009, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar is-servizzi ta' ħlas") tittrasponi d-Direttiva 2007/64 fid-dritt Awstrijak.

19 L-Artikolu 26 tal-liġi dwar is-servizzi ta' ħlas huwa fformulat kif ġej:

"1. "Il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jikkomunika lill-utent ta' servizzi ta' ħlas, fi żmien xieraq, qabel ma l-utent ta' servizzi ta' ħlas jintrabat b'kuntratt jew b'offerta kuntrattwali, l-informazzjoni u l-klawżoli kuntrattwali

1) fil-każ ta' kuntratt qafas skont l-Artikolu 28, fuq il-karta jew, jekk l-utent ta' servizzi ta' ħlas jaqbel, fuq mezz dejjiemi ieħor […]

[…]

2. L-informazzjoni u l-klawżoli kuntrattwali għandhom jiġu redatti b'mod ċar u li jinftiehem […]"

20 Skont l-Artikolu 29(1) ta' din il-liġi:

"Il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu

1) jipproponi lill-utent ta' servizzi ta' ħlas tibdil għall-kuntratt qafas mhux iktar tard minn xahrejn qabel id-data prevista għall-applikazzjoni tagħhom, bil-mod imsemmi fl-Artikolu 26(1)(1) u fl-Artikolu 26(2) […]

[…]"

21 Il-Bundesgesetz, mit dem bestimmte rechtliche Aspekte des elektronischen Geschäfts- und Rechtsverkehrs geregelt werden (E-Commerce-Gesetz – ECG) (liġi dwar il-kummerċ elettroniku), tal-2001 (BGBl. I, 152/2001, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-kummerċ elettroniku"), tittrasponi d-Direttiva 2000/31 fid-dritt Awstrijak.

22 L-Artikolu 11 tal-liġi dwar il-kummerċ elettroniku jipprovdi:

"Fornitur ta' servizzi għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utent il-klawżoli kuntrattwali kif ukoll il-kundizzjonijiet ġenerali b'mod li dan tal-aħħar ikun jista' jaħżinhom jew jirriproduċihom. Dan l-obbligu ma jistax jiġi emendat għad-detriment tal-utent."

23 L-Artikolu 12 tal-liġi dwar il-kummerċ elettroniku jipprevedi:

"Il-messaġġi elettroniċi relatati mal-kuntratt, messaġġi oħrajn ġuridikament importanti kif ukoll il-konferma ta' rċevuta tal-messaġġi għandhom jitqiesu li ġew ikkomunikati jekk il-parti li għaliha huma intiżi dawn il-messaġġi tkun tinsab f'pożizzjoni li tikkonsultahom f'ċirkustanzi ordinarji. Din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi emendata għad-detriment tal-utenti."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

24 Konformement mal-leġiżlazzjoni Awstrijaka, l-Assoċjazzjoni għandha *locus standi* sabiex tipproteġi l-interessi tal-konsumaturi.

25 BAWAG huwa bank li jeżerċita l-attività tiegħu fit-territorju Awstrijak kollu. Fir-relazzjonijiet tiegħu mal-konsumaturi, huwa japplika kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-użu, minnhom, tas-sit tal-internet ta' servizzi bankarji online *e-banking*.

26 Il-kundizzjonijiet ġenerali li jirrigwardaw is-sit tal-internet ta' servizzi bankarji online *e-banking* fihom klawżola li tistipula li "il-klijent li ssottoskriva għall-*e-banking* għandu jirċievi l-komunikazzjonijiet u l-messaġġi (b'mod partikolari l-messaġġi li jirrigwardaw il-kont, l-estratti mill-kont, id-dikjarazzjonijiet dwar karti ta' kreditu, il-komunikazzjonijiet ta' tibdil, eċċ) li l-bank għandu jipprovdi lill-klijent jew iqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dan tal-aħħar, bil-posta jew permezz ta' konsultazzjoni jew ta' trażmissjoni elettronika fil-kuntest tas-sistema *e-banking* ta' [BAWAG]".

27 L-aċċess għall-imsemmi sit huwa pprovdut konformement għal kuntratt li huwa anċillari għal kuntratt dwar il-ftuħ u l-funzjonament ta' kont bankarju u li għaldaqstant jagħmel parti minn kuntratt qafas.

28 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-messaġġi mibgħuta fil-kaxxi elettroniċi ddedikati għall-konsumaturi li jinsabu fis-sit tal-internet ta' servizzi bankarji online *e-banking* jibqgħu hemmhekk, mingħajr tibdil u mingħajr ma jitneħħew, għal perijodu adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni ta' dawn il-konsumaturi, b'tali mod li dawn jistgħu jiġu kkonsultati u rriprodotti mingħajr tibdil elettronikament jew jiġu stampati. Dawn il-messaġġi jistgħu jiġu amministrati mill-konsumaturi u, jekk ikun il-każ, imħassra minnhom.

29 L-Assoċjazzjoni adixxiet il-Handelsgericht Wien (qorti tal-kummerċ ta' Vjenna, l-Awstrija) b'talba għal tmiem ta' użu, minn BAWAG, tal-klawżola msemmija iktar 'il fuq jew ta' kwalunkwe klawżola ekwivalenti, fil-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu.

30 Fil-fatt, skont l-Assoċjazzjoni, dawn il-klawżoli jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar is-servizzi ta' ħlas.

31 Peress li l-Handelsgericht Wien (qorti tal-kummerċ ta' Vjenna) laqgħet, permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Ottubru 2013, it-talba tal-Assoċjazzjoni, BAWAG ippreżenta appell minn din is-sentenza quddiem l-Oberlandesgericht Wien (qorti reġjonali superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija).

32 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' April 2014, l-Oberlandesgericht Wien (qorti reġjonali superjuri ta' Vjenna) bidlet id-deċiżjoni tal-Handelsgericht Wien (qorti tal-kummerċ ta' Vjenna). BAWAG ippreżenta rikors għal *Reviżjoni* kontra d-deċiżjoni tal-Oberlandesgericht Wien (qorti reġjonali superjuri ta' Vjenna) quddiem il-qorti tar-rinviju.

33 Peress li qieset li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali tiddependi mill-interpretazzjoni tad-Direttiva 2007/64, l-Oberster Gerichtshof (Qorti suprema, l-Awstrija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 41(1) moqri mal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2007/64 […] għandhom jiġu interpretati fis-sens li informazzjoni (f'forma elettronika), li tintbagħat mill-bank fil-kaxxa tal-posta elettronika tal-klijent fil-kuntest [tas-sit tal-internet ta' servizzi bankarji online *e-banking*], sabiex il-kljient ikun jista' jkollu aċċess għaliha permezz ta' klikk wara li kien konness mas-sit tal-internet tal-e-banking, hija kkomunikata lill-klijent fuq medium dewwiemi?

(2) Jekk id-domanda 1 tingħata risposta negattiva:

L-Artikolu 41(1) moqri mal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva [2007/64] għandhom jiġu intepretati fis-sens li, f'każ bħal dan:

(a) l-informazzjoni hija bla dubju magħmula disponibbli mill-bank fuq medium dewwiemi, iżda din ma hijiex ikkomunikata lill-klijent [peress li] hija biss magħmula aċċessibbli lil dan tal-aħħar, jew

(b) din hija unikament kwistjoni ta' informazzjoni magħmula aċċessibbli mingħajr użu ta' medium dewwiemi?"

**Fuq id-domandi preliminari**

34 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(25) ta' din id-direttiva, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-bidliet tal-informazzjoni u tal-kundizzjonijiet, previsti fl-Artikoli 42 tal-imsemmija direttiva, kif ukoll il-bidliet tal-kuntratt qafas, li jintbagħtu mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas lill-utent ta' dawn is-servizzi permezz ta' kaxxa postali elettronika integrata f'sit tal-internet ta' servizzi bankarji online, għandhomx jitqiesu li huma pprovduti fuq mezz dejjiemi, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jew sempliċement bħala li tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dan l-utent, hekk kif tipprevedi l-ewwel sentenza tal-Artikolu 36(1) tal-istess direttiva f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 37 tagħha.

35 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2007/64 jipprevedi dmir li l-utent ta' servizzi ta' ħlas jingħata informazzjoni ġenerali minn qabel f'dak li jikkonċerna kuntratt jew offerta ta' servizz ta' ħlas wieħed, li ma huwiex kopert minn kuntratt qafas fis-sens tal-Artikolu 4(12) ta' din id-direttiva, filwaqt li, f'dak li jikkonċerna t-tranżazzjonijiet ta' ħlas koperti minn dan il-kuntratt qafas, tali dmir huwa previst fl-Artikolu 41(1) tal-imsemmija direttiva.

36 Għall-finijiet tad-Direttiva 2007/64, fl-Artikolu 4(12) ta' din id-direttiva l-"kuntratt qafas" huwa ddefinit bħala kuntratt ta' servizzi ta' ħlas li jirregola l-eżekuzzjoni futura ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali u suċċessivi u li jista' jkollhom l-obbligu u l-kundizzjonijiet sabiex jinfetaħ kont tal-ħlas.

37 Skont l-Artikolu 41(1) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, fi żmien debitu qabel ma l-utent ta' servizzi ta' ħlas jintrabat minn xi kuntratt qafas jew offerta, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jipprovdilu, fuq il-karta jew b'mezz ieħor dejjiemi, l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 42 tal-istess direttiva.

38 Barra minn hekk, mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2007/64 jirriżulta li kwalunkwe bidla fil-kuntratt qafas kif ukoll fl-informazzjoni u fil-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 42 ta' din id-direttiva, għandha tkun proposta mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 41(1) tal-imsemmija direttiva u mhux iktar tard minn xahrejn qabel id-data proposta għad-dħul fis-seħħ tagħha.

39 Sabiex tingħata risposta utli għad-domandi magħmula, għandhom jiġu eżaminati żewġ rekwiżiti li huma previsti fl-Artikolu 41(1) tal-istess direttiva, jiġifieri r-rekwiżit tal-użu minn mezz dejjiemi li fuqu għandha tidher l-informazzjoni kkonċernata kif ukoll ir-rekwiżit li din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-utent ta' servizzi ta' ħlas.

40 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kunċett ta' "mezz dejjiemi" li jinsab fl-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2007/64, dan huwa ddefinit fl-Artikolu 4(25) ta' din id-direttiva bħala kwalunkwe strument li jippermetti lill-utent ta' servizzi ta' ħlas jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lilu b'mod li din l-informazzjoni tkun tista' tiġi kkonsultata iktar tard għal perijodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni mogħtija u li jippermetti riproduzzjoni mingħajr tibdil tagħha.

41 Il-premessa 24 tal-imsemmija direttiva tippreċiża li r-rekwiżiti fil-qasam ta' informazzjoni minn qabel dwar il-kuntratti qafas għandhom ikunu pjuttost iddettaljati u din l-informazzjoni dejjem għandha tingħata fuq il-karta jew fuq strument dejjiemi ieħor, bħall-estratti stampati mill-ATMs, floppy disks, CD-ROMs, DVDs u hard drives ta' kompjuters personali li fuqhom tista' tinħażen il-posta elettronika, kif ukoll is-siti tal-internet, bil-kundizzjoni li dawn ikunu aċċessibbli sabiex jiġu kkonsultati iktar 'il quddiem għal perijodu ta' żmien adegwat għall-finijiet li għalihom l-informazzjoni hija intiża u jippermettu r-riproduzzjoni mingħajr tibdil tal-informazzjoni maħżuna.

42 Filwaqt li rreferiet, b'mod partikolari, għad-definizzjoni ta' "mezz durabbli [dejjiemi]" li tinsab fl-Artikolu 3(m) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008, L 133, p. 66, u Rettifiki ĠU 2009, L 207, p. 14; ĠU 2010, L 199, p. 40; ĠU 2011, L 234, p. 46 u ĠU 2015, L 36, p. 15), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-mezz għandu jiggarantixxi lill-konsumatur, b'mod analogu għal mezz fuq il-karta, il-pussess tal-informazzjoni meħtieġa, sabiex jekk ikun il-każ tippermettilu li jsostni d-drittijiet tiegħu. F'dan ir-rigward hija rilevanti l-possibbiltà, għall-konsumatur, li jaħżen l-informazzjoni li hija indirizzata lilu personalment, il-garanzija tal-assenza ta' tibdil tal-kontenut tagħha kif ukoll l-aċċessibbiltà tagħha għal żmien adegwat, u l-possibbiltà li tiġi rriprodotta mingħajr tibdil (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Lulju 2012, Content Services, C-49/11, EU:C:2012:419, punti 42 sa 44, u tad-9 ta' Novembru 2016, Home Credit Slovakia, C-42/15, EU:C:2016:842, punt 35).

43 Issa, għandu jiġi kkunsidrat, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 51 sa 63 tal-konklużjonijiet tiegħu u hekk kif essenzjalment iddeċidiet il-Qorti tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2010, Inconsult Anstalt vs Finanzmarktaufsicht (E-04/09, EFTA Court Report 2009-2010, p. 86, punti 63 sa 66), li ċerti siti tal-internet għandhom jiġu kklassifikati bħala "mezzi dejjiema" fis-sens tal-Artikolu 4(25) tad-Direttiva 2007/64.

44 Fir-rigward b'mod partikolari tal-punti 40 sa 42 tas-sentenza preżenti, dan ikun il-każ meta sit tal-internet ikun jippermetti li l-utent ta' servizzi ta' ħlas jaħżen l-informazzjoni li hija indirizzata personalment lilu b'mod tali li din l-informazzjoni tista' tiġi kkonsultata fil-futur għal perijodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li tiġi rriprodotta mingħajr tibdil. Barra minn hekk,

sabiex sit tal-internet ikun jista' jitqies bħala "mezz dejjiemi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kull possibbiltà ta' tibdil unilaterali tal-kontenut tiegħu mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jew minn professjonist ieħor li lilu tkun ġiet fdata l-ġestjoni ta' dan is-sit għandha tiġi esklużа.

45 Din l-interpretazzjoni tikkorrispondi għall-għanijiet stabbiliti fil-premessi 21 u 22 tad-Direttiva 2007/64, jiġifieri l-protezzjoni tal-utenti ta' servizzi ta' ħlas u, b'mod partikolari, tal-konsumaturi.

46 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fil-kawża prinċipali, il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt 44 tas-sentenza preżenti humiex issodisfatti.

47 F'dak li jikkonċerna, fit-tieni lok, il-kwistjoni dwar f'liema sitwazzjoni t-tibdil tal-informazzjoni u tal-kundizzjonijiet iddefiniti fl-Artikolu 42 tad-Direttiva 2007/64 kif ukoll il-bidliet tal-kuntratt qafas jistgħu jitqiesu li huma "pprovduti" fuq mezz dejjiemi konformement mal-Artikolu 41(1) ta' din id-direttiva, għandu jitfakkar li, hekk kif tgħid il-premessa 27 tal-imsemmi direttiva, din għandha tiddistingwi bejn żewġ modi kif l-informazzjoni għandha tingħata mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas: jew l-informazzjoni kkonċernata għandha tiġi pprovduta, jiġifieri attivament komunikata, mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas mingħajr l-ebda talba ulterjuri min-naħa tal-utent ta' servizzi ta' ħlas, jew inkella l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utent ta' servizzi ta' ħlas, b'kont meħud ta' kwalunkwe talba li jista' jkollu għal iktar informazzjoni. F'dan il-każ tal-aħħar, l-utent ta' servizzi ta' ħlas irid jieħu passi attivi sabiex jikseb l-informazzjoni, bħal per eżempju jitlobha espliċitament mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, billi jikkonsulta l-kont tal-bank online tiegħu jew billi jdaħħal kard tal-bank f'magna li tistampa l-estratti tal-kontijiet tal-bank.

48 Minn dan jirriżulta li, meta d-Direttiva 2007/64 tipprevedi li l-informazzjoni kkonċernata tiġi pprovduta mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas lill-utenti ta' dawn is-servizzi, ikun dan il-fornitur li għandu jikkomunika din l-informazzjoni b'mod attiv.

49 Fl-istess waqt, peress li l-protezzjoni tal-utenti ta' servizzi ta' ħlas u, b'mod partikolari, tal-konsumaturi hija, hekk kif tfakkar fil-punt 45 tas-sentenza preżenti, wieħed mill-għanijiet tal-imsemmija direttiva, ma jistax jinħtieġ b'mod raġonevoli, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 75 sa 77 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-utenti ta' servizzi ta' ħlas jikkonsultaw b'mod regolari s-servizzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika li għalihom issottoskrivew ruħhom, u dan iktar u iktar peress li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2007/64, fiċ-ċirkustanzi li din id-dispożizzjoni tipprevedi, dawn l-utenti huma meqjusa li aċċettaw il-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt qafas proposti minn dawn il-forniturі.

50 Minkejja dan, l-informazzjoni kkonċernata li tiġi trażmessa mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas lill-utent ta' dawn is-servizz permezz ta' sit tal-internet ta' servizzi bankarji online tista' titqies li hija pprovduta, fis-sens tal-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2007/64, jekk tali trażmissjoni tkun akkumpanjata minn aġir attiv ta' dan il-fornitur intiż sabiex jinforma lil dan l-utent bl-eżistenza u bid-disponibbiltà ta' din l-informazzjoni fuq l-imsemmi sit.

51 Hekk kif essenzjalment irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 79 tal-konklużjonijiet tiegħu, jista' b'mod partikolari jikkostitwixxi tali aġir il-fatt li tintbagħat ittra jew posta elettronika fl-indirizz abitwalment użat mill-utent ta' dawn is-servizzi sabiex jikkomunika ma' persuni oħra u li l-partijiet qablu li jużawh f'kuntratt qafas konkluż bejn il-fornitur ta' servizz ta' ħlas u dan l-utent. Madankollu, l-indirizz hekk magħżul ma jistax ikun dak iddedikat għall-imsemmi utent fuq is-sit tal-internet ta' servizzi bankarji online amministrat mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jew minn professjonist ieħor li lilu tkun ġiet fdata l-ġestjoni ta' dan is-sit sa fejn l-imsemmi sit, anki jekk dan ikun fih kaxxa postali elettronika, ma tiġix użata mill-istess utent għall-finijiet tal-komunikazzjoni abitwali tiegħu ma' persuni oħrajn għajr dan il-fornitur.

52 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-bidliet tal-informazzjoni u tal-kundizzjonijiet tiegħu ddefiniti fl-Artikolu 42 tad-Direttiva 2007/64, kif ukoll il-bidliet tal-kuntratt qafas ikkunsidrat, jistgħux jitqiesu li ġew ikkomunikati b'mod attiv mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas lill-utent ta' dawn is-servizzi.

53 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li:

— L-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2007/64, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(25) ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-bidliet tal-informazzjoni u tal-kundizzjonijiet, previsti fl-Artikolu 42 tal-imsemmija direttiva, kif ukoll il-bidliet tal-kuntratt qafas, li jintbagħtu mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas lill-utent ta' dawn is-servizzi permezz ta' kaxxa postali elettronika integrata f'sit tal-internet ta' servizzi bankarji online, ma jistgħux jitqiesu li huma pprovduti fuq mezz dejjiemi, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ħlief jekk jiġu ssodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet:

  — dan is-sit tal-internet ikun jippermetti lil dan l-utent jaħżen l-informazzjoni li ġiet indirizzata lilu personalment b'mod li dan ikun jista' jaċċedi għaliha u jirriproduċiha mingħajr tibdil, għal żmien xieraq, mingħajr ma jkun possibbli li ssir xi bidla unilaterali tal-kontenut tagħha minn dan il-fornitur jew minn professjonist ieħor, u

  — jekk l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun obbligat jikkonsulta l-imsemmi sit tal-internet sabiex isir jaf bl-imsemmi informazzjoni, it-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni tkun akkumpanjata minn aġir attiv min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas intiż sabiex dan l-utent isir jaf bl-eżistenza u bid-disponibbiltà tal-imsemmija informazzjoni fuq l-imsemmi sit tal-internet.

— Fl-ipoteżi fejn l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun obbligat jikkonsulta tali sit sabiex isir jaf bl-informazzjoni kkunsidrata, din titqiegħed sempliċement għad-dispożizzjoni ta' dan l-utent, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2007/64, meta t-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx akkumpanjata minn tali aġir attiv min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.

## Fuq l-ispejjeż

54 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(25) ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-bidliet tal-informazzjoni u tal-kundizzjonijiet, previsti fl-Artikolu 42 tal-imsemmija direttiva, kif ukoll il-bidliet tal-kuntratt qafas, li jintbagħtu mill-fornitur ta'**

**servizzi ta' ħlas lill-utent ta' dawn is-servizzi permezz ta' kaxxa postali elettronika integrata f'sit tal-internet ta' servizzi bankarji online, ma jistgħux jitqiesu li huma pprovduti fuq mezz dejjiemi, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ħlief jekk jiġu ssodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet:**

— **dan is-sit tal-internet ikun jippermetti lil dan l-utent jaħżen l-informazzjoni li ġiet indirizzata lilu personalment b'mod li dan ikun jista' jaċċedi għaliha u jirriproduċiha mingħajr tibdil, għal żmien xieraq, mingħajr ma jkun possibbli li ssir xi bidla unilaterali tal-kontenut tagħha minn dan il-fornitur jew minn professjonist ieħor, u**

— **jekk l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun obbligat jikkonsulta l-imsemmi sit tal-internet sabiex isir jaf bl-imsemmija informazzjoni, it-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni tkun akkumpanjata minn aġir attiv min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas intiż sabiex dan l-utent isir jaf bl-eżistenza u bid-disponibbiltà tal-imsemmija informazzjoni fuq l-imsemmi sit tal-internet.**

**Fl-ipoteżi fejn l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun obbligat jikkonsulta tali sit sabiex isir jaf bl-informazzjoni kkunsidrata, din titqiegħed sempliċement għad-dispożizzjoni ta' dan l-utent, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2007/64, kif emendata bid-Direttiva 2009/111, meta t-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx akkumpanjata minn tali aġir attiv min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.**

Firem